# X'NISTA' NSIR LA NIKBER?

Meta tikber hemm ħafna xogħlijiet x'tista' tagħmel! F'dawn il-paġni ta' kull xahar se nibdew naraw xogħlijiet differenti, jew aħjar karrieri, li wieħed jista' jkollu mas-Servizz Pubbliku.

## Iżda l-ewwel nett x'inhu dan is-Servizz Pubbliku?

Is-Servizz Pubbliku huwa meqjus bħala l-magna tal-pajjiż. Bħalma f'karozza l-magna hi importanti ħafna biex il-karozza taħdem u timxi, is-Servizz Pubbliku għandu l-istess irwol. Dan għaliex is-Servizz Pubbliku jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-pajjiż, jiġifieri li l-affarijiet isiru u jsiru kif suppost. Fil-proċess, il-ħaddiema tas-Servizz Pubbliku (li nsejħulhom 'uffiċjali pubbliċi') jagħtu servizz lin-nies.

Għalhekk, kif se tibdew taraw f'dawn il-paġni, in-nies li jaħdmu fis-Servizz Pubbliku għandhom ċans kbir li permezz tax-xogħol tagħhom jagħmlu differenza fil-ħajja tan-nies. U x'hemm isbaħ minn dan?

SERVIZZ PUBBLIKU
dejjem miegħek

## Inġinier mekkaniku

**Jekk meta tara xi ħsara d-dar idek tieklok biex issewwiha, jew tieħu pjaċir issegwi l-ġenituri tiegħek isewwu xi ħaġa, mela jista' jkun li int tinqala' ħafna biex 'il quddiem tibda ssewwi jew tirranġa affarijiet importanti u din tagħmilha bħala karriera.**

Fis-Servizz Pubbliku jintużaw ħafna vetturi u makkinarju li hemm bżonn li wieħed jieħu ħsiebhom. Hekk, ngħidu aħna, ma tistax tmur titfi xi nar jekk il-vetturi li jkollok ma jaħdmux... jew tiġri wara xi ħalliel mingħajr ma jkollok karozza taħdem! Fis-Servizz Pubbliku jeżistu ħafna ħaddiema li xogħolhom hu li jsewwu, sew jekk ikun injam, elettriku jew ħadid. Jistgħu jkunu liftijiet, sistemi tal-ilma, funtani pubbliċi kif ukoll it-tabelli u sinjali fost l-oħrajn.

F'dak li jissejjaħ 'il-Garaxx tal-Gvern' insibu ħafna ħaddiema bi snajja' differenti li għalkemm mhux dejjem jidhru, jagħmlu xogħol importanti ħafna.

Dawn jissejħu 'mekkaniks' u llum tista' tkompli fuq din il-linja billi tattendi korsijiet speċifiċi l-MCAST.

Tista' wkoll tispeċjalizza u tilħaq inġinier, karriera li wkoll hija importanti fis-Servizz Pubbliku. Ġeneralment inġinier ikun jaħdem fuq affarijiet tekniċi ħafna. Pereżempju ssib inġiniera jikkontrollaw sistemi kbar, bħall-power station jew xi reverse osmosis.

L-inġinerija tinqasam fi tnejn – dawk li jispeċjalizzaw fil-mekkanika u dawk li jipperfezzjonaw il-kapaċitajiet tagħhom fl-elettriku. Li hu żgur hu li t-tnejn li huma importanti wisq, għaliex b'xogħolhom ikollna d-dawl, il-karozzi u kull ħaġa oħra taħdem!



## Għalliem

**Qatt ħsibt illi l-għalliem jew għalliema li għandek illum, snin ilu kienu wkoll qed jitgħallmu bħalek? Forsi taħsbu li dan fadallu ħafna biex iseħħ, imma kif jgħid il-Malti, iż-żmien igerbeb u fi ftit żmien ieħor int ukoll tibda taħseb x'tixtieq issir la tikber.**

Biex issir għalliem trid tkun paċenzjuż u tħoss ċerta kburija li quddiemek għandek ħafna tfal li qed jieħdu l-edukazzjoni mingħandek. Trid tkun taf tikkontrolla l-emozzjonijiet tiegħek, speċjalment meta quddiemek ikollok tfal daqsxejn imqarbin.

Fil-Primarja l-għalliema jkunu jafu fuq qawsalla sħiħa ta' suġġetti. Fis-Sekondarja l-għalliema jkunu tista' tgħid esperti f'suġġett wieħed jew tnejn. L-isbaħ ħaġa f'dan ix-xogħol hi li dak li taf qed taqsmu ma' ħaddieħor. B'hekk tkun qed tgħin persuni oħra jkomplu jikbru!

Biex tilħaq għalliem, għalhekk, trid tistudja mhux ħażin. Apparti li tistudja s-suġġetti li tkun tixtieq tgħallem trid tistudja wkoll kif tgħallem. Dan huwa suġġett li jiġi mgħallem l-Università u jissejjaħ 'pedagoġija'. Tinstema' kelma tqila ħafna, imma dan is-suġġett jgħallmek metodi kif tista' tgħallem lit-tfal għax, kif tafu sewwa intom, mhux kulħadd jitgħallem bl-istess mod.

Hawn ukoll studenti li jkollhom bżonnijiet differenti mill-oħrajn u għalhekk ikollhom edukaturi apposta li jgħinuhom biex huma wkoll jakkwistaw l-aqwa ħiliet possibbli. Dawn jissejħu 'learning support educators'.

Apparti l-għalliema li jinsabu fil-klassi hemm ukoll għalliema li jmexxu l-iskejjel li aħna nattendu. Dawn ma jgħallmux fil-klassijiet imma xorta għandhom xogħol importanti ħafna biex jiżguraw li kollox imur sew u kif suppost. Imbagħad hemm nies oħra involuti li jaħdmu minn wara l-kwinti fid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni tas-Servizz Pubbliku, li xogħolhom hu li jippjanaw x'se titgħallmu intom, fost l-oħrajn.

Jekk għandek xewqa li fil-futur issir għalliem, taqtax qalbek. Agħmel moħħok hemm, studja u għada pitgħada tkun int li tgħallem is-suġġett favorit tiegħek!

